MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 60/2001/1

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI, GURISDIZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Ottubru, 2004 .**

**Citazzjoni numru : 60/2001G1(PC)**

Dayana Micallef .

vs

Paul Micallef, u b'degriet tas-16 ta' Marzu, 2004, l-avukat Dr. Joseph Grech gie nominat kuratur Deputat biex jirrapprezenta lil Paul Micallef li jinsab imsiefer .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet:

Illi hija zzewget lill-konvenut fid-dsatax (19) ta' Settembru tal-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) (Dokument A) u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt ulied u cioe' Allistair li ghandu seba' (7) snin u Gordon li ghandu erba' (4) snin ;

Illi l-hajja matrimonjali ta' bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli u dan minhabba servizzi, mohqrija, glied u abbandun u ghar-ragunijiet ohra gravi li wkoll jaghtu lok ghas-separazzjoni personali, kif jigi ppruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-istess kawza ;

Illi wkoll il-hajja matrimonjali m'hijiex aktar possibbli minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment ;

Illi l-attrici trid li tigi ppronunzjata s-separazzjoni bejnha u bejn zewgha li jinghataw il-provvedimenti dwar il-kustodja u manteniment tal-minuri u li tigi xjolta il-komunjoni tal-akkwisti .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmi u ghar-ragunijiet l-ohra li jirrizultaw fil-kors tal-kawza .

2. Konsegwentement tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu kif kontemplati fl-artikolu tmienja u erbghin (48) sa wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili, Kap sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta ;

3. Tiddikjara xjolta l-kommunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn il-kontendenti ;

4. Tillikwida l-istess komunjoni u tiddividiha skond il-ligi, dejjem salv dak li ntalab hawn fuq u bil-

kundizzjonijiet applikabbli fil-konfront tal-konvenut skond il-ligi ;

5. Tordna l-kustodja tal-minuri tigi fdata f'idejn l-attrici ;

6. Tiffissa r-retta alimentari pagabbli mill-konvenut lill-attrici u lill-minurai wliedhom, Allistair u Gordon ahwa Micallef ;

7. Tawtorizza lill-attrici sabiex flimkien ma' wliedha tibqa' tghix fil-flat f'Block A, Flat 7, Tac-Cawla, Rabat, Ghawdex .

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem din il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek . Bl-ispejjez ukoll tal-Mandat Kawtelatorju ta' Qbid ipprezentat kontestwalment ma' dina l-kawza .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attrici minnha kkonfermata bil-gurament .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. Illi huwa jaqbel illi l-hajja kunjugali tkissret irrimedjabilment u ghaldaqstant ma jopponiex it-talba ghal pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ;

2. Illi l-ksur irrevokabbli taz-zwieg ma garax tort ta' xi komportament ta' l-esponenti izda ghal kuntrarju kienet l-attrici li wasslet sabiex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba adulterju, glied u abbandun, kif jirrizulta dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba numru 2 ta' l-attrici hija assolutament bla bazi ghaliex hu qatt ma kien hati ta' adulterju lejn il-mara tieghu u lanqas ta' accessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi lejn martu jew lejn uliedhom komuni ;

4. Illi ghaldaqstant hija bla bazi ukoll it-talba ta' l-attrici illi l-ulied komuni Allistair u Gordon jigu afdati fil-kustodja ta' l-attrici ;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti m'ghandux jigi ordnat ihallas manteniment u dan peress illi huwa jinsab bla impieg ;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici m'ghandhiex tibqa' tghix fil-flat numru 7, Block A, Tac-Cawla, Victoriia, Ghawdex u dana ghaliex anke nonstante illi pendente lite hija nghatat l-opportunita' mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja sabiex tabita flimkien ma' uliedha fl-imsemmi flat, hija m'hiex qed toqghod hemm izda qed toqghod f'xi post iehor fin-Nadur .

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-kontro-citazzjoni tal-konvenut fejn, wara li ppremetta :
Illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment u inoltre Dayana Micallef kienet hatja fil-konfront ta' zewgha ta' adulterju, eccessi, mohqrija, abbandun u offizi gravi ;
Illi huwa dejjem kellu relazzjoni tajba ma' uliedu filwaqt li martu qed taghti biss ezempju ta' giri sfrenat liz-zewg uliedu .

Talab lill-attrici tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-htija ghat-tkissir taz-zwieg bejniethom ghandha tigi akkollata lil Dayana Micallef biss ;

2. Konsegwentement jekk jidhrilha hekk opportun, tapplika fil-konfront ta' l-istess Dayana Micallef id-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili in toto jew in parti, u dan senjatament billi tiddikjara illi hija ddekadiet mid-dritt illi titlob il-manteniment minghand zewgha ;

3. Tafda l-kura u kustodja ta' l-ulied minuri Allistair u Gordon Micallef lill-konvenut u dan fl-ahjar interess ta' l-ulied ;

4. Tordna lill-istess Dayana Micallef sabiex tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' l-ulied b'dak il-mod u manjiera illi jidher l-aktar opportun fl-interess ta' l-ulied komuni .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja kontra tieghek .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija ngunta .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut debitament guramentata .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici ghal din il-kontro-citazzjoni li permezz taghha eccepiet :

1. Illi t-talbiet tal-konvenut kif redotti fil-kontro-citazzjoni tieghu huma infondati fid-dritt u fil-fatt ;

2. Illi l-attrici filwaqt li taqbel li z-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabilment, issostni li dana l-istess zwieg tkisser minhabba htijiet imputabbli ghal l-istess konvenut u mhux vicepversa .

3. Illi l-attrici ma taqbilx mat-tielet talba tal-konvenut kif kontenuta fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu u cioe' li l-kura u kustodja ta' l-ulied minuri Allistair u Gordon Micallef ghandha tigi fdata f'idejh u dana peress illi, kif diga' gie spjegat fic-citazzjoni taghha, il-konvenut huwa bniedem li la jaf x'inhuma l-bblikgi d-dmirijiet naxxenti miz-zwieg u wisq anqas jaf kif irabbi lill-uliedu u jaghtihom il-kura u l-edukazzjoni kollha mehtiega, affarijiet li qeghda taghtihomlhom l-attrici ;

4. illi, jekk verament il-konvenut ghandu ghal qalbu t-tfal u jrid il-kura u l-kustodja taghhom, dana messu ra kif ghamel u almenu ssoministralhom il-

manteniment, kif gie lilu ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti . Infatti sal-lum l-istess konvenut lanqas ta lill-uliedu centezmu f'manteniment ;

salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess attrici annessa ma' din in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha u minnha debitament mahlufa .

Rat id-digriet ta' din il-Qorti fil-kompetenza Volontarja taghha ta' l-1 ta' Gunju 2001, fejn awtorizzat lill-attrici sabiex tipprocedi b'din il-kawza.[1]

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha, d-dokumenti esebiti, kif ukoll ir-rapporti tas-Social Worker nominat sabiex isegwi dan il-kaz .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza ghas-separazzjoni bejn il-kontendenti . Irrizulta illi l-partijiet kienu ghamlu zmien jinnamraw kontra r-rieda tal-genituri rispettivi taghhom u anke ghamlu xi zmien jghixu flimkien qabel zzewgu . Billi l-attrici harget tqila, gew inkorragiti mill-istess genituri taghhom sabiex jizzewgu,[2] kif fil-fatt ghamlu fid-19 ta' Settembru 1993[3] . It-tifel il-kbir Alastair twieled sitt xhur wara[4] u t-tifel l-iehor Gordon fl-20 ta' Gunju 1996[5] .

Jidher illi l-inkwiet principali bejn il-koppja Micallef inqala' billi l-konvenut, li kien jaghmel bosta xhur fis-sena jahdem fl-esteru bhala sewwieq tat-trukk, kien qed jonqos sew mill-obbligi tieghu li jibghat flus bizzejjed sabiex martu tkun tista' tmanti l-familja, u dan minkejja illi huwa kellu paga sostanzjali. Il-mara kienet ghalhekk qed thabbat wiccha konstantement ma' diversi kredituri ta' zewgha li, fl-assenza spissa ta' zewgha, kienu jirrikorru lejha ghall-

---

[1] Ara digriet relattiv a fol. 10 tal-process .
[2] Ara affidavit tal-konvenut ta' l-4.7.03 a fol. 238 - 240 tal-process .
[3] Dok. A a fol. 5 .
[4] Dok .B a fol. 6 .
[5] Dok. C a fol. 7 .

hlas ta' dan id-dejn . Gara pero' illi darba minnhom waqt li l-konvenut kien hekk imsiefer, gie infurmat mill-familjari tieghu illi martu kienet bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni . Huwa rritorna mmedjatament . Sab il-bieb ta' barra tar-residenza tieghu msakkar, billi din il-Qorti fil-gurisdizzjoni volontarja taghha kienet awtorizzat lill-attrici sabiex *pendente lite* toqghod fid-dar matrimonjali flimkien ma' uliedha ad eskluzjoni ta' zewgha,[6] sgassah u dahal . X'hin irritornat martu saret xenata fil-prezenza tal-genituri taghha . Imma wara kkalma kollox u l-partijiet anke ppruvaw jirrikonciljaw, imma inutilment . Il-konvenut imbaghad mar joqghod ghar-rasu f'post il-Munxar u minn dakinhar baqa' gej u sejjer is-safar .

Permezz tad-digriet fil-Gurisdizzjoni Volontarja taghha ta' l-1 ta' Gunju 2001, il-Qorti kienet provizorjament akkordat access limitat lill-konvenut kif hemm spjegat u ffissat retta alimentari pagabbli mill-konvenut lil martu ghaliha u ghal uliedha minuri. Matul il-kors tas-smiegh tal-kawza, dan l-access gie modifikat sabiex jakkomoda ahjar l-esigenzi tal-konvenut u gie nominat Social Worker fil-persuna ta' Peter Pual Portelli mid-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja sabiex isegwi dan il-kaz[7] . Ghal xi zmien il-konvenut ghamel uzu minn dan l-access, imma billi minn xi zmien 'l hawn rega' siefer u ma rritornax, dan l- access ilu ma jigi ezercitat minnu ghal xhur shah u llum l-attrici tilfet kwalunkwe kuntatt mIeghu . Billi wkoll il-konvenut ghamel zmien dispimpjegat, il-Qorti kienet rriducietlu r-retta alimentari pagabbli bhala manteniment[8] . Madankollu rrizulta illi l-konvenut kemm-il darba naqas li jhallas anke din ir-rata kif ridotta ta' manteniment u kellhom anke jittiehdu proceduri kriminali f'dan ir-rigward[9] .

Ghalkemm jista' jinghad illi l-konvenut ta' bidu ghall-ksur ta' dan iz-zwieg, minhabba n-nuqqas persistenti tieghu li jmantni adegwatament il-familja tieghu, jidher illi maz-zmien iz-zewg nahat qabdu triq separata ghal kollox minn

[6] ara digriet relattiv a fol. 10 .
[7] ara digriet tas-17.12.02 a fol. 196 verso .
[8] ara digriet taghha tat-30 ta' Dicembru 2002 a fol. 181 verso u 182 verso .
[9] Dok. A a fol. 226 u 230 .

xulxin, m'ghamlu ebda sforz genwin ghar-rikonciljazzjoni, anzi llum t-tnejn li huma spiccaw b'*partner* iehor.

Matul il-kors tas-smiegh ta' din il-kawza ma nghata ebda digriet provizorju dwar il-kura u kustodja tal-minuri, imma fil-prattika rrizulta illi din kienet esklussivament f'idejn l-omm, partikolarment anke minhabba z-zmien twil li l-konvenut kien ikun nieqes minn dawn il-gzejjer . Fic-cirkostanzi prezenti, fejn ma hux maghruf x'sar mill-konvenut, u lanqas il-kuratur nominat sabiex jirraprezenta l-interessi tieghu ma rnexxielu jiskopri fejn jinsab, din il-kura u kustodja ta' l-ulied minuri tal-kontendenti ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici, b'riserva ta' access ghalihom lill-konvenut, kif jigi stabilit mill-Qorti tal-Familja kemm-il darba dan jerga' jirritorna f'dawn il-gzejjer .

Lanqas ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha tvarja d-decizjoni li kienet hadet b’mod provizorju fil-kors ta' din il-kawza dwar ir-retta alimentari pagabbli mill-konvenut lil martu ghal uliedu minuri[10] . F'dak id-digriet il-Qorti kienet iccitat minn gurisprudenza tal-Qrati taghna fis-sens illi "***l-obbligu ghall-manteniment mhuwiex marbut bl-ebda mod mal-impieg jew mal-introjtu tal-missier, izda huwa obbligu assolut***." [11] Naturalment minkejja l-allontanament tal-konvenut minn dawn il-gzejjer, huwa xorta wahda jibqa’ obbligat imantni lill-uliedu minuri sakemm dawn jilhqu l-eta’ taghhom . Bl-istess digriet taghha fuq indikat, il-Qorti kienet iffissat retta alimentari pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghall-manteniment ta’ uliedu minuri fis-somma ta’ hamsin lira maltija (Lm50) fix-xahar, b'effett mil-ewwel (1) ta' Jannar 2003, u dana peress illi l-konvenut ma kienx qed jahdem jew jahdem biss b’mod sporadiku . Kif gia nghad, minn kemm ilhom li nqatghu il-kuntatti mal-konvenut, u anke qabel, ma jidhirx illi dawn il-pagamenti baqghu isiru regolarment . Fil-fehma taghha huwa xieraq ghalhekk illi l-konvenut, apparti l-arretrati gia akkumulati, jibqa’ jhallas din ir-retta alimentari ghall-manteniment ta’ uliedu minuri .

---

[10] ara digriet tat-30.12.02 gia ndikat .

[11] Prim'Awla : Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja : cit. 154/94; u Appell : Saviuor Zahra vs Maria Antoinette Zahra pro et noe. citaz 1380/1997: 13.7.01 .

Rigward il-beni formanti parti l-komunjoni ta' l-akkwisti, ma jirrizulta li baqa' xejn ghall-qasma . Id-dar taz-zwieg hija appartament tas-*social housing* mikri lill-kontendenti . Dan ghandu jibqa' f'idejn l-attrici sabiex tabita fih flimkien ma' uliedha ad esekluzjoni ta' zewgha . Beni ohra li kien hemm gia gew divizi mill-kontendenti u kulhadd ha dak li kien jappartjeni lilu . Irrizulta pero' illi l-attrici ghandha f'idejha karozza tat-tip Isuzu Gemini bin-numru ta' registrazzjoni CAR 854 . Din ghadha registrata f'isem missierha, imma kif stqarr l-istess Peter Muscat fl-affidavit tieghu,[12] din kienet inxtrat bi flus li kienet lahqet gemmghet bintu qabel ma zzewget u giet registrata f'ismu biex jigi evitat l-inkwiet minhabba d-dejn li kellu zewgha . Din il-karozza ghalhekk tappartjeni esklussivament lill-attrici u l-konvenut ma jista' jkollu ebda pretensjoni dwarha .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza :

A. Rigward ic-citazzjoni billi :

(i) Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti Paul u Dayana konjugi Micallef ;

(ii) Peress illi rrizulta illi z-zewg partijiet jahtu ghal din il-firda, tilqa' t-tieni talba ;

(iii) tilqa' t-tielet talba ;

(iv) tilqa' r-raba talba u tiddikjara illi l-kontendenti gia qasmu l-beni formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejniethom ;

(v) tilqa' l-hames talba u takkorda l-kura u kustodja ta' l-ulied minuri Alistair u Gordon f'idejn l-attrici ; b'dana illi l-konvenut ikollu dritt ta' access ghall-istess minuri skond kif jigi stipulat mill-Qorti tal-Familja fuq talba

[12] ara affidavit tad-19.7.04 a fol. 269 .

apposta li huwa jista' jaghmel jekk u meta jirritorna f'dawn il-gzejjer ;

(vi) tilqa’ s-sitt talba u tiffissa r-retta alimentari li ghandha tigi pprestata mill-konvenut lil martu ghal uliedu minuri hawn imsemmija fis-somma ta’ hamsin lira maltija (Lm50) fix-xahar; u

(vii) tilqa' wkoll is-seba' (7) talba u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix flimkien ma' uliedha minuri fil-flat fl-indirizz Block A Flat 7, Tac-Cawla, Rabat, Ghawdex, ad eskluzjoni tal-konvenut .

Rigward il-kontro-citazzjoni tal-konvenut billi :

(i) dwar l-ewwel talba, tiddikjara illi z-zwieg tkisser minhabba htija taz-zewg partijiet ;

(ii) tilqa' t-tieni talba ;

(iii) tichad it-tielet u r-raba talba .

Billi z-zewg kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghal din il-kawza permezz ta' l-ghajnuna legali,[13] hadd minnhom m'ghandu jbati ebda spejjez .

S6001Pc(sup)

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[13] L-attrici bid-digriet tat-28.6.01 u l-konvenut b'dak tal-24.8.01 .